QALA

Ref Nru: 5

Il-minuti tal-hames laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 19 ta' Lulju 2012, fis-7:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tar-raba` laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tar-raba` laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *European Agriculture Funds for Rural Development* – mizura 313**

3.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-*Head Paying Agency* Joseph Caruana mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn il-Kunsill gie nformat li l-MRRA ma tistax taghti l-approvazzjoni ghat-talba tal-Kunsill sabiex fondi mill-progett propost taht il-mizura 313 jigu trasferiti ghat-tisbih ta' Pjazza San Guzepp u ghalhekk l-ewwel ittra tieghu datata 26 t'April 2012 fejn nghatat l-approvazzjoni sabiex isir dan hija revokatha. Is-Sindku semma li saret laqgha ma Joseph Caruana minhabba dan it-tibdil. Ghal din il-laqgha kienu prezenti huwa s-Sindku, s-Segretarja Ezekuttiva u l-Perit Edward Scerri minn naha tal-Kunsill u Joseph Caruana, Robert Naudi u Carla Ciscaldi minn naha tal-MRRA. Is-Sindku semma li wara diskussjoni li hadet ftit fit-tul is-Sur Caruana qal li jista jkun li kien zbal tieghu ghall-ewwel ittra u qal li hu jerfa responsabbilita ta' l-ewwel ittra li ntbaghtet lill-Kunsill. Il-Perit issuggerixxa jekk jibqax xi fondi mill-ewwel propost progett jistax il-Kunsill juzahom ghal propost progett tal-Pjazza. Is-Sur Caruana kkonkluda li l-ewwel ghandu jsir l-ewwel progett

u li jekk jibqa xi *savings* dawn jistghu jigu trasferiti ghal progett tal-Pjazza. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li hawn xi ghajdut li huwa gieghel lil xi hadd biex ibiddel il-fehma dwar it-trasferiment tal-fondi ghal progett tal-Pjazza. Huwa ddikjara li huwa jaqbel mal-progett tal-Pjazza u jaqbel mal-progett kollu u li l-unika oggezzjoni tieghu kienet li qabel ma tinhareg is-sejha ghall-offerti, l-Kunsill ghandu jara l-pjanti tal-progett. Is-Sindku semma li l-ewwel propost progett, dak tat-tkomplija tal-gnien ta' rikreazzjoni, ser jitkompla. Huwa semma li harget xi applikazzjoni ohra u ghalhekk ser nipprovaw napplikaw ghal propost progett tal-Pjazza. Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand Victor Gusman Segretarju Amministrattiv mid-Djocesi t' Ghawdex datata 19 ta' Gunju 2012 dwar il-propost progett tal-Pjazza.

## 4 Festa ta' San Guzepp 2012.

4.1 Is-Sindku semma li l-*mobile kiosks* li jarmaw fil-festa ta' San Guzepp ser jigu trasferiti fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Huwa semma wkoll li tkellem ma l-Arcipriet dwar jistghux il-*mobile kiosks* tal-gelat u l-pastizzi biss jibqghu fejn kienu. L-Arcipriet ma sabx problema peress li fejn issoltu jarmaw dawn il-*mobile kiosks*, it-triq hija wiesgha. Il-Vici Sindku Paul Buttigieg semma li jaqbel mat-trasferiment ta' dawn il-*mobile kiosks* imma jemmen li Pjazza San Guzepp ser titbattal minn nies.

## 5 Permessi ghal hrug ta' mwejjed u siggijiet fi Pjazza San Guzepp.

5.1 Is-Sindku semma li kellu laqgha mal-*Gozo Tourism Authority* dwar proposta ghal hrug ta' mwejjed u siggijiet fi Pjazza San Guzepp. Is-Sindku semma fil-lokalita` ta' Xaghra qed jinhargu l-mwejjed u s-siggijiet fil-Pjazza taghhom. Huwa semma l-ligi ta' dawn it-tip ta' permess hija li l-permess moghti m'ghandux jeccedi z-zmien li fih ser issir l-okkazzjoni jew is-sittax-il-gurnata konsekuttiva skond liema minnhom tkun l-iqsar. Huwa semma li s-sidien tar-ristoranti organizzaw attivita` bejniethom sabiex ikunu jistghu johorgu l-mwejjed u s-siggijiet taghhom. Wara din l-attivita jkun hemm sittax il-gurnata ghall-festa San Guzepp u wara sittax il-gurnata ohra ghall-*Qala International Folk Festival.*

## 6 Attivita organizzata mill-Kunsill f'Hondoq nhar is-6 ta' Lulju 2012.

6.1 Is-Sindku semma li l-attivita li giet organizzata mill-Kunsill bl-ghajnuna ta' l-Ghaqda Briju San Guzepp f'Hondoq nhar is-6 ta' Lulju 2012 kienet ta' success kbir. Kien hemm attendenza numeruza u l-attivita` ntghogbot hafna.

## 7 Materji ohra.

7.1 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Kummissarju ta' l-Artijiet dwar id-diversi ilmenti dwar dghajjes u sgombru iehor li qed jithalla fil-*parking area* tal-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Kull m'ghadu rcieva l-Kunsill hija *acknowledgement*. Gie deciz li jekk il-Kunsill ma

QALA

jircievix risposta ghandha jsir *press release* u tintbghat lil gazzetti lokali kollha. Is-Sindku semma li huwa tkellem mas-sid li ghandu l-*kiosk* f'Hondoq dwar dawn d-dghajjes li l-parti l-kbira huma tieghu. Is-Sindku semma li ghandu permess ta' *street hawker* u xi permessi ohrajn. Il-Kunsill iddiskuta li avolja ghandu dawn il-permessi xorta wahda m'ghandux ihalli affarijiet fil-*parking area* lejl u nhar.

7.2 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil-awdituri Spiteri Bailey and Co bhala risposta ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ta' l-*accounts* tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2011.

7.3 Is-Sindku semma li x-xoghol ta' *patching* tal-Gvern ma jigix sew. Huwa semma li hemm kuntrattur privat li ghandu l-apparat kollu sabiex isir dan it-tip ta' xoghol. Ghalhekk meta jkun ser isir *patching* ser jingab il-materjal minghand ir-Road Construction Co. Ltd. u x-xoghol jaghmlu dan il-kuntrattur fejn juza l-apparat mehtieg fosthom siga ecc.

7.4 Is-Sindku semma li 'Gnien il-Hajja' qed jissaqqa. Huwa semma li ser jingabu x-xtieli ghall-gnien tal-Belvedere b'xejn minghand id-Direttur tal-Progetti u Zvilupp Joseph Portelli.

7.5 Is-Sindku semma li nghataw zewg haddiema mill-iskema tal-ETC Xoghol fil-Komunita. Joseph Buttigieg qed jiehu hsieb il-ftuh u t-tindif tal-latrini pubblika li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien minflok Anthony Cutajar li issa qed jiehu hsieb il-ftuh u t-tindif tal-latrini pubblika li hemm fi 'Gnien il-Familja', filwaqt li Mariella Camilleri qed tghin fl-ufficju tal-Kunsill.

7.6 Il-Vici Sindku semma li kien hemm artiklu fil-gazzetta ta' l-orizzont li huwa ma kienx rapprezentant ghall-appell ta' l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 7697/06. Huwa semma li dik li kellu f'idu ma kienetx iffirmata u ghalhekk meta mar ghall-appell l-MEPA ma accettawiex u li huma accettaw dik li kellhom iffirmatha fil-*file* taghhom. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li din l-ittra ffirmatha kienet ntbghatet bil-posta lill-MEPA. Giet trattata kopja ta' din l-ittra. Gie deciz li ghandha tinbghat ittra lill-MEPA fejn jigu nfurmati li l-membri kollha tal-Kunsill huma rapprezentanti tal-Kunsill u meta xi hadd mill-membri tal-Kunsill imur ghal xi appell ecc tinbghat ohra partikulari ghal dak il-membru li jkun ser jirraprezenta l-Kunsill dakinhar. Is-Sur Buttigieg talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Perit Marco Cremona jkun il-konsulent tal-Kunsill fuq din l-applikazzjoni fuq imsemmija u fuq l-applikazzjoni PA 4724/07. Il-Kunsill qabel ma dan.

7.7 Il-Vici Sindku ppropona li ghandha jsir laqgha mat-Trasport ta' Malta dwar il-proposta ta' l-gheluq temporanju ta' Pjazza San Guzepp ghat-traffiku.

7.8 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar f'hiex waslu x-xoghlijiet fuq il-fortizza ta' Sant Antnin. Is-Sindku semma li kull ma fadal hu li jsir ic-cangatura u t-tikhil. Huwa semma wkoll li ser jinqata` l-haxix li kiber fiha.

7.9 Nghataw zewg *warnings* bil-miktub lill-iskrivan tal-Kunsill Brian Cutajar. Gie diskuss li huwa inefficjenti hafna u jaghmel diversi zbalji. Gie nformat kemm il-darba bil-fomm

sabiex jipprova jirranga imma kollu ta' xejn. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li ghandhom jittiehdu l-passi necessarji sabiex jittermina l-impjieg tieghu mal-Kunsill.

**8 Korrispondenza**

8.1 Giet trattata l-korrispondenza li gejja:

8.2 Ittra mibghuta mis-Superjur Paul Grech mill-Museum tas-Subien tal-Qala dwar talba ghal ghajnuna finanzjarja sabiex jiksu l-grawnd tal-Museum bil-haxix artificjali. Il-Kunsill iddiskuta l-hsieb li meta jitkabbar il-grawnd tal-futbol li hemm fi Triq l-Imgarr, il-*mini pitch* li hemm ezistenti f'dan l-istess grawnd jrid jitnehha u ghalhekk jekk ikun ghadu tajjeb ikun jista` jinghata lill-Museum.

8.3 Ittra mibghuta mic-*Chairman* Joseph Masini minn *JP2 Events Subcommittee*, dwar kuncert fil-Qala minn *Wolverhampton Youth Wind Orchestra*.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 13 ta' Awwissu 2012.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |